# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 18 ta' Mejju, 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 1945/2018 TA**

**Massimo Roberto Agro' detentru tal-Karta ta' Identita' Taljana Numru AX 9394806**

**vs**

**Coge Impianti Societa' Cooperativa Company Registration No.:01754200853 Registro delle Imprese di Caltanisetta (Italy)**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' Joint Venture Sea Foundation One JV (ir-rikorrenti) tas-26 ta' Frar 2019.

> "Illi fil-11 ta' Diċembru 2018, ir-rikorrenti Massimo Roberto Agro' ottjena Mandat ta sekwestru Eżekuttiv (Numru 1945/2018) kontra Coge Impianti Soċieta' Cooperativa ( indikata fuq l-imsemmi Mandat bħala debitriċi sekwestrata)għas-somma ta' ħmistax il elf seba' mija tnejn u tmenin ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€15,782.54),piu imgħaxijiet u spejjeż hekk kif indikat fl-imsemmi Mandat ta' Sekwestru;

Illi Joint Venture esponenti, ġiet indikata fl-imsemmi Mandat ta Sekwestru bħala waħda mis-sekwestratarji, flimkien ma oħrajn;

Illi in effetti ai termini ta' l-artikolu 376 (2)(d) u (e) tal-kodiċi ta' Organiżżazzjoni u proċedura Ċivili, s-sekwestratarja huma dawk il-persuni u / jew dawk l-entitajiet li bhala konsegwenza tal-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru, jekk ikollhom fil-pussess tagħhom assi tad-debitur sekwestrat jew assi dovuti lill-istess,għandhom jieqfu milli jgħadduhom għand id-debitur indikat u minnflok jiġu depożitati 'l Qorti sabiex ikunu jistgħu jagħmlu tajjeb għal dak li jkun effettivament dovut lir-rikorrenti li jkun talab il-ħruġ tal-Mandat;

Illi huwa paċifiament stabbilit fil-liġi illi l-obbligu huwa tas-sekwestrarju individwali li jżomm bħala ssekwestrat jew li jiddepożita 'l Qorti dawk l-assi tas-sekwestrat li jkunu fil-pussess tiegħu u kull sekwestrarju indikat fil-Mandat għandu jaġixxi biss fil-konfront ta' dawk l-assi li jkunu f'idejħ, u mhux jissekwestra assi li jkunu f'idejn terzi persuni;

Illi l-indikazzjoni u l-kwalifikazzjoni da parti tar-rikorrenti nnifsu fuq Mandat ta' Sekwestru, ta' xi persuna jew entita' bħala sekwestratarju ma għandha qatt u bl-ebda raġuni twassal biex jiġu sekwestrati assi jew kontijiet li jkunu propjeta' tas-sekwestratarju nnifsu,u li ma jkunux assi jew fondi dovuti lis-sekwestrat. L-entita' jew l-entitajiet u l-persuna jew persuni li l-kreditur ikun irid jindika bħala li għandu pretenzjoni kontrihom u li fil-konfront tagħhom jingħata d-Digriet relattiv għall- Mandat ta' Sekwestru mitlub, huma biss u unikament dawk l-entitajiet jew persuni indikati bħala Sekwestrat fl-istess Mandat u ħadd iżjed minn dawn;

Illi jirriżulta pero' illi sussegwentement għal ħruġ tal-Mandat odjern, il-Bank of Valletta plc( u cioe il-bank indikat bħala sekwestrarju ukoll flimkien ma' l-esponenti) pprosegwa sabiex jiffriża u jibblokka l-kontijiet bankarji mhux biss tas-sekwestrat imma wkoll ta' l-imsemmija esponenti, u dan mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;

Illi l-esponenti hija joint venture komposta minn tlett entitajiet- cioe' COGE Impianti Societa' Cooperattiva, Fonderia Artistica Ferdinando Marinelli S.R.L. u Impresa De Feo Restauri u taġixxi bħala Joint Venture awtonoma mill-partijiet li jikkomponuha, b'kontijiet bankarji propji, u b'registrazzjoni għat-taxxa u għal-VAT distinta u partikolari għall-istess Joint Venture;

Illi qiegħed jiġi dikjarat illi l-esponenti ma għandha f'idejha ebda flus dovuti lid-debitur fuq indikat;

Illi per konsegwenza ta' dak appena ċitat u ta' dan l-aġir tal-Bank of Valletta p.l.c. ġew sekwestrati flejjes appartenenti lir-rikorrenti Sea Fountain One JV, li għalhekk tinsab imblokkata milli tkompli bl-attivitajiet tagħha, u dan meta qatt ma ġiet indikata bħala Sekwestrata mill-istess kreditur li talab għall-ħruġ tal-Mandat *de quo*;

Illi dan il-fatt qiegħed għalhekk ukoll jikkawża danni u preġudizzju li għar-rigward tagħhom l-esponenti odjerna qiegħda żżomm impreġudikati d-drittijiet tagħha;

Għaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħoġoba tordna u tawtorizza r-rilaxx tal-kontijiet bankarji intestati f'isem l-esponenti, u dana dejjem taħt dawk il-provvedimenti illi dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun."

Rat ir-risposta ta' Massimo Roberto Agro' (l-intimat) tal-11 ta' Marzu 2019:

"Illi bir-rispett kollhu dovut lejn l-esponenti ma jarax li huwa l-eġittimu kontradittur għar-rikors odjern: effettivament li qiegħed jiġi allegat huwa li l-**Bank of Valletta plc** (li ma ġietx notifikata bir-rikors odjern) bi żball qabdet kontijiet li ma humiex propjeta tas-soċjeta **Coge Impianti Societa' Cooperativa** (hawn 'il quddiem "Coge") iżda huma propjeta ta' Joint Venture li għandha personalita distinta mill-parijiet.

Apparti l-fatt li hemm dibattitu sħiħ dwar il-personalita ġuridika ta' *Joint Venture* li jsir għal finijiet t'appalti pubbliċi[1] fir-realta dik hija domanda li għandha tiġi mwieġba mill-Bank sekwestranti u ċioe għandhu jispjega għaliex meta l-esponenti talab li jiġi sekwestrati l-kontijiet ta' Coge, il-bank ibblokka wkoll il-kontijiet tal-Joint Venture imsemmija fir-rikors.

Huwa essenzjali li jiġi determinat x'inhuma d-drittijiet ta' Coge fir-rigward tal-kontijiet tal-*Joint Venture.* Jekk il-bank żamm il-kontijiet tal-Joint Venture erronjament, dawn iridu jiġu rilaxxati u huwa il-bank li għandhu jirrispondi għal kwasiasi dannu li seta' ġie kaġunat.

Għal kull buon fini jiġi rilevat li l-esponenti huwa kreditur tas-soċjeta Coge, u li sallum il-mandat ta' sekwestru ma kienx effettiv billi la ġew depositati flus fil-Qorti u lanqas ma ġie infurmat li ġew iblukkati xi flus mill-bank.

Inoltre l-esponenti indika wkoll il-Joint Venture bħala sekwestratarja ta' kwalsiasi flus ta' Coge, u għalhekk il-Joint Venture għandhu obbligu jindika x'assi u xi drittijiet għandha Coge f'dan il-Joint Venture, u dana sabiex id-drittijiet tal-kreditur ma jiġux elużi.

Madanakollu l-esponenti terġa' tikkonferma li d-debitur tagħha hija Coge personalment u mhux ukoll il-Joint Venture (bħala entita distinta) u għalhekk il-mandat għandhu jibqa' fis-sehh fil-konfront ta' Coge".

Rat ir-risposta tal-Bank Of Valletta Plc (il-Bank intimat) tat-12 ta' Marzu 2019:

"Illi preminarjament, l-esponenti teċċepixxi illi t-talba hija kif impostata permezz ta' "Rikors" fl-atti ta' Mandat ta' Sekwestru hija waħda nulla, irrita u inammissibli stante illi Mandat ta' Sekwestru, salv dak li jipprovdi

1

unikament l-artikolo 281 tal-Kap. 12 tal-liġijiet, huwa digriet definitiv illi għandu jiġi attakat semmai bil-proċedura legali opportuna.

Illi subordinament u mingħajr preġudizzju, din il-pretensjoni tar-rikorrenti m'hiex waħda fejn qed tiġi b'xi mod impunjata r-ritwalita' jew fondatezza tal-Mandat ta' Sekwestru u għalhekk ukoll it-talba tar-rikorrenti, kif intentata, hija ġuridikament u fattwalment irrita,nulla u inammissibbli.

Illi subordinament u mingħajr preġudizzju, jiġi rivelat illi r-rimedju mogħti, oltre il-proċedura ġenerali li jipprovdi l-kodiċi tal-proċedura biex jiġi attakkat digriet definittiv, f' każ ta' proċedura eżekuttiva bħal dak odjern, hija unikament l-artikolu 281 tal-kap 12 tal-liġijiet li jipprovdi għar-revoka in toto u in parte tal-istess Mandat, liema revoka ma tifforma bl-ebda mod parti mit-talbiet odjerni u għalhekk ukoll it-talbiet tar-rikorrenti hija waħda ġuridikament irrita, nulla u inammissibbli.

Illi subordinament u mingħajr preġudizzju, m'huwiex minnu illi l-esponenti qegħda iżżomm flejjes tas-soċjeta' rikorrenti. Għal kull buon fini u fil-limiti stretti tal-Mandat ta' Sekwestru, l-esponenti tista' tirrivela f'dan l-istadju biss illi hija qegħda iżżomm flejjes f'kont kongunt li tiegħu wieħed mid-denturi tal-istess kont kongunt hija s-soċjeta' sekwestrata. Il-ġurisprudenza paċifika u kostanti sal-lum hija li, f'tali każ, l-esponenti hija tenuta biss illi tagħmel block u cioe' tiffriża tali' kont u ma tippermettix milli dan il-"joint account" jiġi operat u xejn aktar. Dan dejjem salv minn kwalsiasi ordni li jogħġobha ittieha din l-Onorabbli Qorti.

L-esponenti tagħmel riferenza f'dan is-sens għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-Atti tal-Mandat tas-sejħa għad-depożitu numru 585/03MM fl-ismijiet "Blye Engineering Company Limited vs Bank Of Valletta p.l.c." deciż fid-9 ta' Diċembru 2003 (Dok. A) fejn dik il-Qorti laqgħet is-sottomissjoni tal-esponenti illi ġialadarba l-bank m'huwiex f'pożizzjoni illi jidditermina liema ammonti jappartjenu lil min, il-bank ma kienx tenut jiddepożita l-ebda somma ta' flus li kellu fil-joint account ta' żewg persuni li wieħed minnhom kien is-sekwestrat.

Illi l-esponenti tirrileva illi infatti id-diffikulta bażilari hija fis-sens illi l-esponenti ma tistax tkun f'pożizzjoni tagħraf kemm l-bilanċ attiv fil-kont kongunt ( joint account) jappartjeni lis-soċjeta debitriċi sekwestrata u kemm lit-terzi ukoll detenturi tal-istess joint account li ma jkunx kolpiti bil-Mandat ta' Sekwestru u dan sakemm ma jiġix ġudizzjarjament stabbilit permezz ta' proċeduri kontenzjużi ad hoc li jridu jsiru ad istanza ta' min jkollu interess.

Illi dan kollhu gie ukoll epurat fil-proceduri tar-rikors numru 79A/02 JA fl-ismijiet "Monarch Advertising Limited vs Anthony Baldacchino f'ismhu u ghan-nom ta' Sagitarius Limited" (Dok. B) u anki fil-proċeduri tar-rikors għal-ħruġ ta' Mandat fis-sejħa ta' Depożitu numru 2487/01 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c vs HSBC Bank Malta p.l.c" (Dok. C) fejn (għalkemm obiter) il-Qorti qalet:

*"illi meta jitqiesu ċ-ċircostanzi kollha msemmijin hawn fuq, wieħed jasal biex jgħid li filwaqt li ma jistax jingħad li l-Bank eżekutant ma kellux jedd iressaq ir-rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Sejħa għad-Depożitu, daqstant*

*ieħor ma kienx fieragħ it-tentattiv tal-Bank rikorrenti li jipprova jxejjen jew jibdel l-ordni mogħti għat-talba tal-Bank eżekutant b'żieda mal-fatt ta' nuqqas ta' direzzjoni li l-liġi tagħna tagħti f'ċirkostanza bħal din".*

Illi fil-parametri tal-Atti dwar is-Segretezza Professjonali (Kap. 377 tal-liġijiet ta' Malta) u l-Att dwar il-protezzjoni u l-privazzija tad-Data (Kap. 586 tal-liġijiet ta' Malta), daqshekk biss tista' tiżvela l-esponenti f'dan l-istadju, dejjem sakemm ma tiġix mogħtija Ordni speċifika oħra minn Din l-Onorabbli Qorti.

Illi finalment l-esponenti tirrileva li, f'din il-vertenza hija naturalment terza persuna totalment diżinteressata ħlief għal-fatt illi hija d-dover illi timxi strettament skond il-liġijiet tal-pajjiż u għalhekk tibqa' dejjem disposta tobdi kull direttiva oħra li ttiha Din l-Onorabbli Qorti meta u jekk il-partijiet fil-Mandat ta' sekwestru fuq imsemmi jottjenu d-direttivi jew sentenzi kif jipprovdi l-kap. 12 tal-liġijiet.

Daqstant għandha l-esponenti x'tissottometti għas-savju u superjuri ġudizzju ta' Din l-Onorabbli Qorti li tagħha tiddikjara ruħha serva umilissima".

Rat li l-likwidatur ta' Coge Impianti Soċjeta' Cooperattiva Company, Soċjeta' reġistrata fl-Italja, (is-Soċjeta' intimata) notifikat kif trid il-liġi baqa' ma għamel ebda risposta.

Rat l-atti u dokumenti kollha ta' dawn il-proċeduri.

Rat li r-rikors tħalla għall-provvediment fil-ftuħ għall-lum.

## **Konsiderazzjonijiet**

Dak li trid ir-rikorrenti huwa li jiġu rilaxxjati xi flus, li skont kif tgħid jappartjenu liha, meta kienet indikata sekwestratarja. Jidher ukoll li meta l-Bank intimat iffriża l-assi tar-rikorrenti għaliex hija Joint Venture li kompartecipi fiha hemm ukoll is-Socjeta' intimata. Ir-rikorrenti tgħid li għalkemm huwa minnu li is-Soċjeta' hija f'dan il-joint venture, f'isem min huwa intestat il-kont bankarju ffriżat, fil-verita' ma hemm ebda assi li fattwalment jappartjenu lis-Soċjeta' intimata.

Il-Qorti tibda biex tirrileva li f'każ ta' joint venture huwa dubbjuż ħafna jekk din għandiex personalita' ġuridika fis-sens ta' Soċjeta' Kummerċjali skont l-arikoli rilevanti tal-Kap 365 tal-liġijiet ta' Malta. Jibqa' il-fatt li anke jekk ma hiex, allura kont bħal dan jitqies li huwa miżmum solidalment bejn il-partijiet li jkunu interessati fiħ f'dan il-każ is-Soċjeta' intimata, Fonderia Artistica Ferdinando Marinelli S.R.L u Impresa Feo Restauri. Il-Qorti tqies lil dawn it-tlett entitajiet daqs li kieku kienu tlett persuni fiżiċi li għandhom kont simili.

Ma hux dubitat li dan ir-rikors huwa ippostulat fuq ir-rimedju li jagħti l-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ġaladarba li dan huwa l-uniku artikolu rilevanti fil-każ ta' mandati esekuttivi, kif fil-fatt hu il-mandat mertu tal-Kawża. Dawn il-Qrati, fil-każijiet speċifiċi li jippermetti dan l-artikolu, trid tuża kawtela partikolari għaliex il-mandat esekuttiv huwa l-istadju finali sabiex jkun rejalizżżat kreditu li jkun ġie kannonizżżat permezz ta' ġudikat. Li ġudikat jkun disturbat fl-esekuzzjoni tiegħu hija ħaġa odjuza għaliex tkun qed tiġi sbussolata ċ-ċertezza tar-rizoluzzjoni tal-*lite*, li hija wara kollox ukoll kwistjoni ta' ordni pubbliku. Fis-sewwa, dak li trid ir-rikorrenti, anke jekk ma tgħidux espressament li jitħassar il-mandat f'parti minnu.

Bħala regola l-artikolu 281(1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jgħid li jista' jsir rikors biex mandat esekuttiv jiġi attakkat jista' jsir mill-persuna li kontra min jinħareġ att eżekuttiv *jew xi persuna oħra interessata.* Dan pero' ma jfissirx li din il-Qorti għandha tuża anqas kawtela milli kieku l-proċedura qed issir mill-persuna li kontra tagħha ikun ħareġ il-mandat. Anzi meta jiġri hekk, il-Qorti trid toqgħod aktar attenta.

Fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan l-artikolu dawn il-Qrati dejjem sostnew hekk:

*" … r-rimedju mogħti bl-imsemmi artikolu 281 huwa wieħed speċjali (kemm fir-rigward tal-proċedura mfassla u kif ukoll għas-sura ta' rimedju mogħti) maħsub li jġib it-tħassir tal-att eżekuttiv, kemm għal kollox jew inkella f'biċċa minnu, u dan "għal raġuni valida skond il-liġi". Għalkemm ma tingħata l-ebda tifsira fil-liġi dwar x'tista' tkun "raġuni valida" li twassal għall-għoti tar-rimedju mitlub, huwa meqjus li, għall-finijiet tal-artikolu 281, l-għan li għaliha ddaħħlet din id-dispożizzjoni fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li bis-saħħa tiegħu, l-parti interessata tista' ġġarrab preġudizzju, u dan billi jsir eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunu tħarsu u jkunu jidhru mill-att eżekuttiv innifsu, u li dak il-Mandat ma jkunx inħareġ b'mod abbużiv (ara :* **P.A. GV : 19.11.2008 fl-atti tar-rikors fl-ismijiet "Kummissarju VAT vs Mark Grima et noe et"**). Dan it-tagħlim ġie segwit f'bosta Sentenzi oħra fost oħrajn fil-**provvediment tat-12 ta' Frar, 2015 Rikors Numru. 28/2015 Fl-atti tal-Mandat ta` Qbid Nru 23/2015 fl-ismijiet : A.A.S.K. Enterprises Limited (C-32035) kontra MORE Supermarkets (Fgura) Limited (C-61496) .**

Wara eżami tal-atti, din il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni li hemm raġunijiet fil-liġi li għandha għalfejn tmiss il-mandat inkwistjoni. Bil-proċedura kif istitwita, din ma hiex il-Qorti idoneja **kif adita** li tista' tieħu konjizzjoni tat-talbiet fir-rikors odjern. Dak li qed titlob ir-rikorrenti huwa eżami tal-kont inkwistjoni dwar lil min jappartjenu l-flejjes f'kont bankarju li huwa joint, meta l-anqas provi

ma inġiebu f'dan ir-rigward. Imma l-anqas li kieku eżami bħal dan irid isir billi issir kawża b'rikors ġuramentat.

Il-Qrati dejjem sostnew is-segwenti f'ċirkostanzi simili għal dawk li għandha quddiemha din il-Qorti:

*"Illi l-prattika stabbilita, mbaghad, hi li min irid jattakka l-ezekuzzjoni ta' Mandat, irid jaghmel dan billi jmexxi bil-procedura normali mahsuba fil-ligi. Illum, il-gurnata din il-procedura hija azzjoni li tinbeda b'Rikors Mahluf. Hawn ukoll, ir-rikors imressaq f'din il-kawza, mhux biss m'huwiex wiehed mahluf, imma jonqos f'partijiet essenzjali tieghu mill-forma stabbilita fl-artikolu 156 tal-Kodici tal-Procedura."* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Baystreet Holdings Limited -vs- Walter Zammit Cachia et tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 t'April 2009**)

Għalhekk din il-Qorti hija tal-fhema soda li it-talbiet rikorrenti huma ġuridikament insostenibbli.

Għaldaqstant il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħda tiċħad it-talbiet rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**